MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Numru 502/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonovitch Muscat)**

**versus**

**Joseph Mary Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Mary Mangion ta' 43 sena iben George u Josephine nee Mangion mwieled Attard fit-3 ta' Marzu 1963 u residenti 53 Triq Sir Ugo Mifsud Lija, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 157863(M).

Akkużat talli f'dawn l-aħħar snin, bejn Jannar u Dicembru 2003 f'dawn il-Gżejjer, fil-kuntest ta' tranġar u

dekorazzjoni ta' propjeta sitwata Plot 19 Aphrodite Triq il-Mitħna Lija

(a) b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, seta' fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq ta' iktar minn LM1000 għad-dannu ta' bank kummercjali u ta' diversi persuni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
(b) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna/persuni oħra, is-somma ta' iktar minn LM1000 għad-dannu ta' bank kummercjali u ta' diversi persuni, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha specifikat u dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
(c) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, xjentament għamel użu minn cedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra ffalsifikati, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jircevi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
(d) U aktar talli, fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, xjentement għamel użu minn atti awtentiku u pubbliku, kitba jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat falz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
(e) U aktar talli, fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, xjentement għamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, magħmul jew mogħti minn ufficjal jew impjegat pubbliku, illi minħabba l-kariga jew l-impieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew certifikat, kif wkoll talli xjentement għamel użu minn falsifikazzjoni li saret minn xi persuna li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorita' u dan bi ksur ta' l-Artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(f) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, xjentement għamel użu minn skrittura privata ffalsifikata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli u dan bi ksur ta' l-Artikolu 187(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
(g) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet ukoll illi f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat, 1578 tas-sena 1943; il-fedina penali ta' l-imputat a fol 11; it-weġiba tiegħu mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2006 li mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh; l-istqarrija ta' l-imputat magħmula a fol 9 u 10; id-dokument MB li jinsab a fol 18; id-dokument BB li huwa ċertifikat maħruġ mill-ETC dwar l-impiegi ta' l-imputat u li jinsab a fol 32 – 33; id-dokument JBC maħruġ mill-Bank of Valletta u dokumenti JBC1 sa JBC5 li jinsabu a fol 44 tal-proċess; in-nota ta' l-Avukat Ġenerali mibgħuta fis-17 ta' Lulju 2006 li biha bagħat l-Artikoli li skond l-Avukat Ġenerali fuqhom tista tinstab ħtija a bażi ta' dak li kien hemm fil-kumpilazzjoni; il-verbal tad-9 ta' Mejju 2007 meta inqraw l-Artikoli u l-kunsens ta' l-imputat sabiex din il-kawża tibqa' tinstema minn din il-Qorti; kif wkoll ir-reġistrazzjoni ta' ħtija ta' l-imputazzjonjiet kollha dedotti kontra l-imputat magħmula fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2007.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

L-imputat kien bbenefika minn houseloan tramite l-operat ta' kumpaniji b'isem ta' Elsiel Locations u Landrocks Company Limited. Il-pulizija ġabet dokumentazzjoni u

sabet li l-imputat kien ppreżenta dokumentazzjoni falsifikata rigward impieg li kellu ma certu Traplas Limited ġewwa Industrial Estate Kordin li fil-fatt dan qatt ma kien ħadem magħhom. Barra dan huwa ppreżenta wkoll payslips ta' din il-kumpanija. Fuq dawn id-dokumenti, is-Sur Joseph Mary Mangion kien bbenefika minn house loan ta' LM22,000 biex jista jirranga Plot 19 Aphrodite Triq il-Mitħna Lija, liema ċekk sussegwentement kien depożitat ġewwa bank tal-Bank of Valletta peress li kien għadu ħiereġ mill-HSBC. Kif mar f'account personali ta' l-imputat tal-BOV.

<u>Stqarrija ta' l-imputat</u>

Fl-istqarrija l-imputat kien qal li huwa jaħdem bħala self employed bil-van tiegħu personali u qabel kien truck driver mal-Green Skip Services Company Limited. Qabel dan kien sindku ta' Hal Lija u kien jagħmel xogħol part time bħala xufier. Huwa kien mar għand ċertu Chris Agius u fehmu x'kellu bżonn u tah xi flus bil-quddiem. Ebda perit ma kien ġie d-dar tiegħu biex jagħmel xi stima. Sussegwentement kien ċempillu dan Chris Agius u kien qallu biex imur il-bank bil-karti. L-imputat u l-mara tiegħu kienu marru l-HSBC fi Triq il-Merkanti l-Belt u hemm hekk sabu lil ċertu Naudi li kien qed jirrapreżenta lil Locations. L-imputat ma kienx jaf għala ċekk ta' l-HSBC bin-numru 11404 bid-data 16 ta' April 2003 kien ħareġ f'isem Locations għall-ammont ta' Lm22,000. Xi jumejn wara kien ċempillu Chris biex imur jiġbor iċ-ċekk tas-self. Dan kien qallu jiddepositah fil-Bank of Valletta ta' St. Venera. Hu u l-mara fetħu account mal-Bank of Valletta u ddepożitaw iċ-ċekk hemm hekk. Huwa kien ħallas LM285 lin-nutar. Ta madwar LM400 oħra li kien talbu Chris fil-bidu u LM600 oħra bħala VAT. Dawn ta' l-aħħar kien ser jiddikjarahom mad-Dipartiment tal-VAT u jeħodhom lura. Dwar id-dokument li kien juri ma Traplas Ltd, l-imputat qal li qatt ma kien rah u qatt ma kien ħadem ma dawn in-nies.

Xehdet rappreżentanta ta' l-HSBC Nazzarena Busuttil illi qalet illi l-imputat kien mar Hal Balzan fit-13 ta' Marzu 2003 għal quotation biex jieħu loan ta' LM22,000 biex jirranġa propjeta li qegħda Plot 19 Aphroditis Triq il-Mitħna

Lija. L-applikazzjoni kienet ffirmata minn Joseph Mangion u Mary Mangion. Huwa kien tahom il-kuntratt meta xtrah. Huwa talab Lm22,000 biex jagħmel refurbishment. Kien ppreżenta FS3 li kienet turi li jaħdem ma Traplas Ltd u li qala' LM6744 sal-31 ta' Diċembru 2002. Kien hemm il-payslip li turi li kien jaħdem ma Traplas Limited u kien qal li kien jaqla Lm528.36 fix-xahar, fol 14. Kien hemm ukoll rapport tal-Perit kemm tiswa l-construction bħala xogħol u biex ikomplieha. Imbgħad ħarġet is-sanction letter. Fil-fatt ħarġu tlieta b'dati differenti kif jidher a fol 14. Il-flus kienu ħarġu fis-16 ta' April 2003. Huma kellhom rapport mingħand il-perit li x-xogħlijiet kienu lesti. Huma kellhom dokumentazzjoni oħra mingħand Elsiel Locations Company Limited, (fol 14). Iċ-ċekk kien ħareġ pagabbli lil Elsiel Locations Company Limited u kien f'ammont ta' Lm22,000 u d-data kienet 16 ta' April 2003. il-bank draft kien 11404. Kien ffirmat Joseph Mangion u anke l-mara tiegħu Mary Mangion u hemm il-firma ta' Elsiel Locations Company Limited mill-Bank of Valletta fil-21 ta' April 2003.

Dok MB juri l-iskrizzjoni tal-privileġġ bil-kredituri HSBC Bank Malta plc u d-debitur Joseph Mangion kif wkoll tidher fotokopja taċ-ċekk datat 16 ta' April 2003 bl-ammont LM22,000 kif wkoll r-ritratt ta' l-istess ċekk min-naħa ta' wara. Jidhru wkoll dokumenti oħra li juri d-data ta' meta l-imputat kien xtara l-post imsemmi permezz tal-kuntratt tat-8 ta' Frar 1990 u d-deed of loan.

Xehed wkoll ir-rappreżentant ta' l-ETC Philip Bonniċi li qal li mir-records tagħhom l-imputat qatt ma ħadem ma Traplas Limited.

Xehed wkoll rappreżentant ta' Traplas Limited, is-Sur Ronnie Camilleri li qal li l-imputat ma kienx jafu u l-FS3 għas-sena 2001 f'isem is-Sur Joseph Mary Mangion ma kellhiex il-firma tiegħu żgur u lanqas il-format ghaliex hu kien jagħmilhom bil-computer. Hu qal li kienu ilhom bl-istess format xi 20 sena.

Xehed ukoll rappreżentant tal-Bank of Valletta Legal Office li qal li ċ-ċekk ta' l-HSBC kien ġie depożitat fl-Elsiel Locations Company Limited, (fol 36). In-numru huwa

40012211672 u imbgħad minn dak il-kont inħareġ withdrawal ta' Lm10,000 li marru fil-kont ta' Mary Mangion u Lm9,915 f'ta' Joseph Mangion u hawn il-kopji tal-firem. Dawn ma kienux cash withdrawals imma marru f'kont ieħor.

Xehed Joseph Borg Cardona fl-10 ta' Jannar 2007, Manager tal-Bank of Valletta u kien ġab il-bank statement tas-Sur Joseph Mary Mangion u tal-mara tiegħu u mir-riċerki tagħhom kienu sabu 5 kontijiet li kien ser jesebihom dak il-jum. Huwa qal l-account numbers tagħhom wieħed wieħed. F'isem Joseph Mangion kien hemm dawn l-account numbers, 400124911269 (fol 42), ieħor 40012491162 kien f'isem Maria Mangion, ieħor 40012792599 f'isem Maria Mangion, ieħor 40014785591 f'isem Joseph u Maria Mangion u ieħor 40014787777 f'isem Joseph u Mary Mangion.

Stante illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kontra tiegħu, dawn ġew ppruvati skond il-liġi.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 308 u 310(1)(A), 309 u 310(1)(A), 293 u 310(1)(A), 169, 184, 186, 187(2) u 189 tal-Kap 9 ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat kien ħa self ta' flus bil-qerq u li dan is-self issa qiegħed jitħallas lura. Skond in-noti tal-Profs Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law Part I) hemm imputazzjonijiet kontra l-imputat li jistħgu jkunu assorbiti ai fini ta' l-Artikolu 17H tal-Kap 9 u dan għax hemm intenzjoni waħda u ness ġuridiku wieħed. Għaldaqstant it-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda filwaqt li l-imputazzjoni (d), (e), (f) u (g) assorbiti fl-imputazzjoni (c). Għall-imputazzjonijiet kollha qed ikunu applikati kemm l-Artikolu 17H kif wkoll l-Artikolu 17B tal-Kap 9. L-imputat għandu fedina penali nadifa u ammetta l-imputazzjonijiet għalkemm mhux fi stadju bikri.

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli kollha diġa imsemmija flimkien mas-17B u 17H, qed tikkundanna lill-imputat għal 18-il xahar priġunerija sospiżi għal tliet snin u

dan ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-Qorti qed tispjega lill-imputat x’inhuma l-implikazzjonijiet ta’ dan l-Artikolu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------